MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2007

Numru 4331/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Simon Mercieca**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment in segwitu ghal rikors maghmul mill-Avukat Generali fit-3 ta' Lulju 2007 li permezz tieghu l-istess Avukat Generali qed jitlob li jinhareg mandat ta' arrest fil-konfront ta' Simon Mercieca.

**2.** Il-fatti li pprecedew dan ir-rikors kienu s-segwenti: Simon Mercieca kien originarjament akkuzat b'oltragg lil ufficjal pubbliku – WPC 204 Marika Bugeja – permezz ta' ingurja u theddid (Art. 95, Kap. 9), b'ingurja bi kliem skond

l-Artikolu 252, u bil-kontravvenzjoni generika ta' ingurja jew theddid skond l-Artikolu 339(1)(e), dejjem tal-Kap. 9. Ghalkemm il-kawza kienet skedata bhala kumpilazzjoni (tant hu hekk li l-Avukat Generali kien ta l-kunsens sabiex il-proceduri jigu rezi sommarji *ab initio* – ara l-kunsens a fol. 5), il-Qorti tal-Magistrati (Malta), fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2007 irriteniet – gustament fil-fehma ta' din il-Qorti – li l-imputazzjonijiet kienu kollha jirrientraw fil-kompetenza ta' dik il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mhux bhala Qorti Istruttorja, u ghalhekk il-kawza giet assenjata biex tinstema' bhala kawza sommarja. Fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2007 – allura issa quddiem Magistrat differenti – il-prosekuzzjoni ziedet imputazzjoni ohra li, ghalkemm ma specifikatx id-disposizzjoni ta' ligi rilevanti, jidher li huwa r-reat kontemplat fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 35 tal-Kap. 399. Dan ir-reat – tajjeb li wiehed jghid mill-ewwel – igorr mieghu biss piena pekunjarja u ghalhekk wahdu ma jezorbitax mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Art. 370(1), Kap. 9). Fl-imsemmija udjenza tal-20 ta' Frar 2007 kemm l-ufficjal prosekutur, l-Ispettur Joseph Agius, kif ukoll l-avukati tal-imputat u tal-kwerelanti – Dott. Joseph Ellis u Dott. Michael Sciriha rispettivament – irregistraw diversi verbali inutilment ikkumplikati, irrelevanti u addirittura (fil-kaz tal-Ispettur Agius) zbaljati li l-effett taghhom kien semplicement li jinduci lill-Qorti tal-Magistrati fl-izball li xi wahda mill-imputazzjonijiet kienet tipotizza reat li kien jirrikjedi li ssir kumpilazzjoni. In fatti l-ufficjal prosekutur ghal xi raguni inspjegabbli ghamel referenza ghas-subartikolu (3) tal-Artikolu 252, subartikolu li kien irrelevanti stante li l-imputazzjoni skond l-Artikolu 252 baqghet dik li l-ingurja kienet saret bi kliem u mhux b'kitba, figuri jew disinji imxandrin jew esposti fil-pubbliku (u dan, wara kollox, konformement mal-kwerela – ara fol. 4). Il-Qorti tal-Magistrati, ghalhekk, fl-20 ta' Frar 2007, iddecidiet li kellha ssir kumpilazzjoni, u l-atti regghu gew rimessi biex jigu assenjati lil Qorti, diversament presjeduta, bhala kumpilazzjoni. Fid-9 ta' Mejju 2007 rega' sar l-interrogatorju mill-gdid u bdiet tinstema' l-kawza bhala kumpilazzjoni (Qorti Istruttorja). Fi tmiem il-kumpilazzjoni il-Qorti tal-Magistrati iddecidiet – fit-8 ta' Gunju 2007 – li *"…ma jirrizultax mid-dokumenti lilha ezibiti*

*li xi komunikazzjoni li saret bejn l-akkuzat u l-Korp giet imxandra jew esposta fil-pubbliku, lanqas ma jirrizulta, dan dejjem a bazi ta' prima facie, minn e-mails ezibiti r-raba' akkuza. Lanqas ma jirrizulta uzu ta' network li ghalih mhux intiz kif tipprospetta r-raba' akkuza u dan in kwantu ghal e-mails ezibiti. Ghalhekk l-akkuzat qed jigi 'discharged' (liberat) minn dawk li huma reati Struttorji* (sic!) *ai termini tal-artikolu 401 tal-Kapitolu 9 u zzomm in vigore r-reati rimanenti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Tibghat dan id-digriet lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi."*

**3.** Permezz tar-rikors  tat-3 ta' Lulju 2007) l-Avukat Generali ddecieda li□aktar 'l fuq imsemmi (cioe jipprocedi skond l-Artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali u qed jitlob li din il-Qorti tordna l-arrest ta' Mercieca biex b'hekk tkun tista' titkompla l-kumpilazzjoni (fir-rigward ta' reati ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali u reati ohra) jew ikun jista' jinhareg l-att ta' akkuza.

**4.** Kif tajjeb irrileva l-intimat Mercieca kemm fir-risposta tieghu ghar-rikors kif ukoll permezz tad-difensur tieghu fl-udjenza tal-Gimgha 6 ta' Lulju 2007, id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tat-8 ta' Gunju 2007 hija konnubju infelici ta' zewg proceduri u zewg disposizzjonijiet. In fatti, filwaqt li l-ewwel Qorti accennat  taghmel f'dan□ghall-Artiklu 401 tal-Kodici Kriminali, dak li kellha fil-verita il-kaz hu li tipprocedi skond l-Artikolu 403(1) tal-imsemmi Kodici, ossia tiddikjara li ma kien hemm ebda reat ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali (u mhux, ghalhekk, "tillibera" f'dana l-istadju minn xi imputazzjoni jew ohra), tghaddi minnufih ghas-sentenza, u tordna illi l-atti flimkien ma' kopja tas-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali skond l-Artikolu 401(3). Kien, imbaghad, jispetta lill-Avukat Generali jew li jappella lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali mid-decizjoni – li kienet tkun allura decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – jew, f'kaz li kien tal-fehma li kien hemm reati li kienu ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, jappella kif inghad u fl-istess hin jipprocedi skond l-Artikolu 433(3) imsemmi.

**5.** Issa, ghalhekk, din il-Qorti ghandha quddiemha r-rikors ta’ l-Avukat Generali skond l-imsemmi Artikolu 433(3). Minn ezami tal-atti processwali din il-Qorti taqbel perfettament mal-Qorti tal-Magistrati – u dan ndikat fil-paragrafu□kif ga **2** ta’ dan il-provvediment – li f’dan il-kaz ma hemm ebda reat ta’ kompetenza tal-Qorti Kriminali. L-imputazzjonijiet <u>kif dedotti</u> jipotizzaw reati ta’ kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali; u ma rrizulta xejn mill-provi li jaghmel xi wahda minn dawk l-imputazzjonijiet (anke jekk mhux ezattament kif dedotti – ez. billi seta’ rrizulta li kien hemm xi ingurja b’kitba, figuri jew disinji kif kontemplat fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 252) ta’ kompetenza superjuri.

**6.** Ghall-motivi premessi tichad it-talba ta’ l-Avukat Generali. Tordna li kopja ta’ dan id-digriet jigi inserit fl-atti tal-kawza, u li l-istess atti jigu trasmessi lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi u konformement mal-verbal tal-udjenza tat-8 ta’ Gunju 2007 (fol. 39).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------